Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 209 / 2019**

Il-Pulizija

Spettur Jason Francis Sultana

Spettur Jonathan Ransley

vs

**Mario Gatt**

Illum, 3 ta' Dicembru 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Mario Gatt, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 523478 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli matul il-jum tat-12 ta' Jannar 2015, gewwa tas-Sliema u gewwa dawn il-Gzejjer:

1. waqt li kien qieghed isuq vettura tal-ghamla Volkswagen Golf TDI 105 bin-numru ta' registrazzjoni JBP 829, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna l-mewt ta' Rainer Mader, detentur tal-Passport Germaniz bin-Numru 905833773, bi ksur tal-Artiklu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura tal-ghamla Volkswagen Golf TDI 105 bin-numru ta' registrazzjoni JBP 829, bi traskuragni u/jew b'mod perikoluz u bla kont, bi ksur tal-Artiklu 15(1)(a)(2)(3) tal-Kapitolu 65;

3. fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna hsara, hassar jew gharraq vettura bin-numru ta' registrazzjoni ZAC 013 ghad-dannu ta' Isaac Borg, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 496976(M), liema hsara tkun izjed minn elf, mija uerbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (Euro1,164.69), bi ksur ta' Artiklu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna hsara, hassar jew gharraq vettura bin-numru ta' registrazzoni ABJ 593 ghad-dannu ta' Annabelle Wismayer, detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 154872(M) u jew ta' persuni jew entitajiet ohra, liema hsara tkun izjed minn elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (Euro1,164.69), bi ksur ta' Artiklu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, bhala xufier tal-vettura Volkswagen Golf TDI 105 bin-numru ta' registrazzjoni JBP 829 naqas li jieqaf u jaghti l-isem u l-indirizz tieghu, l-isem u l-indirizz tas-sid tal-vettura bil-mutur, id-dettalji ta' l-assiguratur tal-vettura kif ukoll il-marka jew numru tar-registrazzjoni talvettura, wara li din il-vettura bil-mutur fit-triq kienet involute f'incident li jinvolvi offiza fuq il-persuni u meta giet ikkagunata hsara lil xi vettura, bi ksur ta' Artikolu 89 tal-Kapitolu tal-L.S.65.11 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mil-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' sejbien ta' htija, il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti biex tiskwalifika lill-hati mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan u biex ukoll tapplika l-provedimenti tal-Artikolu 41 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-imputat.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex, barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna li jithallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-2 ta' Lulju, 2019, fejn il-Qorti, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, hija biss is-sitt (6) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat li giet sodisfacentement pruvata. L-imputat gie lliberat mill-imputazzjonijiet l-ohra kollha addebitati fil-konfront tieghu.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat fir-rigward tas-sitt (6) imputazzjoni, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom:

- il-fedina penali (Dok. "JFS 2" – a fol. 7) tal-imputat (li hija wahda kompletament nadifa);
- in-natura tal-imputazzjoni li giet pruvata; u
- il-fatt li ghandhom japplikaw id-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta, u dana stante li l-imputat instab hati biss ta' pussess semplici ta' cannabis liema ammont (cioé 0.46 grammi[1]) jinkwadra fil-parametri ta' Artikolu 4(1) tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mehud in konsiderazzjoni dak li ghadu kemm inghad, il-Qorti hija obbligata li tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' penali skond kif jipprovdi Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li ma sabitx lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjoni addebitati fil-konfront tieghu u illiberatu mill-imsemmija imputazzjonijiet, wara li rat Artikoli 8 (a) u 22 (1) (a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u Artikolu 4 (1) tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat Mario Gatt hati tas-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ikkundannatu ghall-penali ta' hamsa u sebghin Euro (€75.00). Ai termini tal-Artikolu 10 (2) tal-Kapitolu 291 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti

[1] Vide rapport tax-Xjenzat Godwin Sammut.

ordnat li f'kaz li l-hati ma jhallasx din is-somma fi zmien xahar mill-lum, huwa ghandu jhallas penali addizzjonali ta' hdax il-Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65).

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-hati Mario Gatt sabiex fi zmien xahar mill-lum ihallas biss l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut f'dawn il-proceduri u cioé is-somma ta'
mija u tnejn u tmenin Euro u wiehed u sebghin centezmu (€182.71).[2]

L-imputat ma giex kkundannat ihallas l-ispejjez l-ohra ai termini ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta stante li huwa gie misjub hati biss tas-sitt (6) imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu.

Il-Qorti ordnat d-distruzzjoni tad-droga ezebita (u tal-affarijiet relatati maghha) hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema document ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Finalment, il-Qorti, wara li hadet konjizzjoni ta' dak li nghad hawn fuq f'din is-sentenza u hadet konjizzjoni wkoll ta' Dok. "A" (a fol.219) u ta' Dok. "X" (a fol. 243), cahdet it-talba tal-Prosekuzzjoni kontenuta fic-charge sheet fejn gie mitlub sabiex l-imputat Gatt jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan. Il-Qorti cahdet ukoll it-talba kontenuta fic-charge sheet sabiex jigu applikati l-provedimenti ta' Artikolu 41 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellanti Avukat Generali minnu pprezentat fit-23 ta' Lulju, 2019, fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata billi:

---

[2] Xjenzat Godwin Sammut (a fol. 4 tergo ta' Dok. "GS 1" – Envelope Loose) (€182.71).

1. **TIKKONFERMAHA** fil-parti fejn sabet lil Mario Gatt ħati tas-sitt (6) imputazzjoni;
2. **TIKKONFERMAHA** fil-parti fejn illiberat lil Mario Gatt mit-tieni (2) u mill-ħames (5) imputazzjoni;
3. **TĦASSARHA U TIRREVOKHA** fil-parti fejn illiberat lil Mario Gatt mill-ewwel (1), mit-tielet (3) u mir-raba' (4) imputazzjoni u minflok issibu ħati ta' dawn l-imputazzjonijiet u tinfliġġi piena skont il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellanti Avukat Generali u cioe':-

Illi fil-5 ta' Lulju 2019, l-esponent irċieva mingħand il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali l-atti proċesswali fl-ismijiet premessi, u ħassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Maġistrati meta ġiet biex tillibera lill-appellat mill-ewwel (1) mit-tielet (3) u mir-raba' (4) imputazzjoni miġjuba kontrih, naqset milli tapprezza korrettement il-provi prodotti;

Illi a skans ta' kull ekwivoku, l-esponent jirrileva li qiegħed jinterponi dan l-umli rikors ta' appell limitatament fir-rigward tal-liberatorja mill-ewwel (1), mit-tielet (3) u mir-raba' (4) imputazzjoni, u mhux qed jappella fir-rigward tal-liberatorja mit-tieni (2) u mill-ħames (5) imputazzjoni;

Illi l-esponent japprezza u jirrikonoxxi li l-funzjoni tal-Qorti tal-Appell m'hijiex li tirrimpjazza l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet il-Qorti tal-Maġistrati u li tissostitwixxi dan l-apprezzament bl-apprezzament tagħha, iżda li tagħmel eżami approfondit ta' l-atti proċesswali sabiex tara jekk f'dawk iċ-ċirkostanzi l-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġjonevolment tasal għad-deċiżjoni li filfatt waslet għaliha;

Illi f'dan il-kuntest, l-aggravju tal-esponent hu li l-Qorti tal-Maġistrati ma setgħet qatt legalment u raġjonevolment tillibera lill-appellat mill-ewwel (1), mit-tielet (3) u mir-raba' (4) imputazzjoni, u dan in vista tas-segwenti raġunijiet;

Illi l-imputazzjonijiet hawn fuq imsemmija jittrattaw dwar il-kunċett ta' negliġenza. Filfatt, l-artikolu 225 (omiċidju involontarju) u 328 (ħsara involontarja) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jitkellmu dwar nuqqas ta' ħsieb, traskuraġni, nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti;

**Prinċipji Legali**

Illi għalkemm il-leġislatur naqas milli jagħti spjegazzjoni tat-termini 'nuqqas ta' ħsieb' u 'traskuraġni', madanakollu l-Qrati tagħna dejjem interpretaw dawn it-termini bħala nuqqas ta' attenzjoni u ta' teħid ta' prekawzjonijiet li kienu mistennija f'ċirkostanzi partikolari;

Illi n-natura u l-elementi tar-reat ta' omiċidju involontarju ġew spjegati bir-reqqa f'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-4 ta' Frar 1961 fil-kawża fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs Perit Louis Portelli"** fejn dik il-Qorti osservat is-segwenti:

> "Hu meħtieġ għall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-artikolu 239 (illum 225) tal-Kodiċi Penali, illi tirrikorri kondotta volontarja negliġenti – konsistenti ġenerikament f'nuqqas ta' ħsieb ("imprudenza"), traskuraġni ("negliġenza"), jew ta' ħila ("imperizja") fl-arti jew professjoni jew konsistenti speċifikatament f'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti – li tkun segwita, b'ness ta' kawżalità minn event dannuż involontarju.
>
> Għandu jiġi premess illi, għall-aċċertament tal-ħtija minħabba f'kondotta negliġenti, għandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-bonus pater familias, dik il-kondotta, ċioè illi fil-każ konkret kienet tiġi użata minn persuna ta' intelliġenza, diliġenza u sensibilità normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida oġġettiva għall-ġudikant, iħallih fl-istess ħin liberu li jivvaluta d-diliġenza tal-każ konkret."[3]

[3] Volum 45 Parti Nru. 4, Paġna 870, 903.

Illi dan il-prinċipju huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna. Il-Qorti tal-Appell Kriminali f'sentenza aktar riċenti minn dik hawn fuq kwotata, fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs Richard Grech"** mogħtija nhar il-21 ta' Marzu 1996 mill-Imħallef Vincent De Geatano,[4] wara li għamlet referenza għall-bran hawn fuq riprodott esprimiet ruħha hekk:

> "Biex wieħed jifhem l-essenza vera tal-kolpa, wiehed irid iżomm f'moħħu li fil-ħajja soċjali spiss jinħolqu sitwazzjonijiet li fihom attivita' diretta għal xi fini partikolari tista' tagħti lok għal konsegwenzi dannużi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika - ċjoè, l-esperjenza komuni għall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attività partikolari - tgħallem li f'dawn il-każijiet wieħed għandu juża ċerti prekawzjonijiet bil-għan li jevita li l-interessi ta' l-oħrajn jiġu ppreġudikati;
>
> …. Jekk l-prudenza tikkonsisti filli persuna tagħmel dak li hu raġonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannużi ta' għemilha, l-imprudenza, li hi negazzjoni ta' din il-virtu, tikkonsisti filli wieħed jagħmel avventatament dawk l-affarijiet li messu preveda li setgħu jikkaġunaw ħsara. It-traskuraġni, mill-banda l-oħra, timplika ċertu non-kuranza, ċertu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiż-żewġ każijiet però, il-ħsara tkun prevedibbli għalkemm mhux prevista; kieku kienet ukoll prevista wieħed ikun qiegħed fil-kamp doluż b'applikazzjoni tad-dottrina ta' l-intenzjoni pożittiva indiretta."

Illi f'sentenza oħra tal-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Imħallef Patrick Vella fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et"** deċiża nhar il-31 ta' Lulju 1998, il-Qorti reġgħet għamlet eżami approfondit tad-dottrina u ġurisprudenza in

[4] Volum 80 (1996), Parti Nru. 4, Sezzjoni 2, Paġna 176.

tema u wara li rriaffermat dak li qalet il-Qorti fis-sentenza preċedenti, kompliet hekk:

> "Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuż, hemm neċessarjament l-element ta' attività diretta għal xi fini partikolari li minħabba nuqqas ta' ċertu prekawzjonijiet jistgħu jiġu leżi jew danneġġjati jew ippreġudikati l-interessi ta' terzi. ...
>
> Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuża, derivanti minn atti ta' negliġenza, imprudenza, imperizja u non-osservanza ta' liġijiet, regolament, ordnijiet u simili:
>
> L-imprudenza tiġi mill-aġir ta' xi ħadd mingħajr ma' jieħu l-opportuni kawteli;
>
> In-negliġenza tiġi mid-disattenzjoni u disakkortezza ta' l-aġent fil-kondotta tiegħu;
> L-imperizja hija l-forma speċifika tal-kulpa profesjonali, cjoe', kif jgħid il-Manzini: "inettitudine e insufficienza professionale generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tenur conto":
>
> Il-kulpa tista' tkun dovuta ukoll għal non-osservanza tal-liġijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bħal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-awtorita' pubblika dwar xi attivita' determinata u speċifika bl-iskop li jiġi evitat il-possibilita' ta' ħsara u dannu lil terzi ċjoe', dawk li jkollhom l-element tal-prevenzjoni…"

Illi in oltre, taħt dawn il-forom ta' kondotta kolpuża, sia minħabba imprudenza, negliġenza, u imperizja, sia minħabba nuqqas ta' osservanza tal-liġijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, hemm element essenzjali, dak tal-prevedibilità. Il-prevedibbilità tibqa' essenzjali taħt kull forma ta' kulpa;

Illi l-Professur Anthony J. Mamo fin-noti tiegħu, jgħid hekk: *In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable";*[5]

Illi f'sentenza oħra tal-Qorti tal-Appell Kriminali mogħtija nhar it-28 ta' Frar 2018 mill-Imħallef Edwina Grima fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs Dorianne Camilleri"**[6], il-Qorti, abbażi tal-insenjament ta' diversi ġuristi tad-dritt penali, ikkonkludiet li l-elementi li jsawwru lit-terminoloġija *culpa* huma l-volontarjetà tal-att [f'dan il-każ is-sewqan]; in-nuqqas ta' previżjoni tal-effetti dannużi ta' dak l-att u l-possibilità ta' previżjoni ta' dawk l-effetti dannużi. "Jekk l-effetti dannużi ma kienux prevedibbli, ħlief b'diliġenza straordinarja li l-liġi ma tesiġix u li semmai tista' ġġib *culpa levissima* li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx ħtija;"

Illi meta si tratta dwar il-livell ta' diliġenza li l-liġi tesiġi li tiġi adoperata, il-Professur Mamo jgħid hekk: *The amount of prudence or care which the law actually demands is that which is reasonable in the circumstances of the particular case. This obligation to use reasonsable care is very commonly expressed by reference to the conduct of a 'reasonable man' or of 'an ordinarily prudent man', meaning thereby a reasonable prudent man: "negligence" it has been said "is the omitting to do something that a reasonable man would do, or the doing something that a reasonable man would do".*[7]

**Apprezzament tal-provi**

Illi stabbilit dan l-insenjament mill-ġurisprudenza nostrana, fil-każ odjern din il-Qorti ghalhekk trid tara jekk l-imputat agixxiex ta' bonus paterfamilias meta wieħed iqis is-segwenti konsiderazzjonijiet;

[5] Notes on Criminal Law Volume I.
[6] Appell numru 89/2017.
[7] Notes on Criminal Law Volume I.

1. Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li l-appellat kellu *cavernoma* fil-moħħ u li kien ibati minn *absent seizures,* tip ta' epilesija, u kellu wkoll il-kundizjoni ta' *automatism;*

2. Illi a skans ta' kull ekwivoku, l-appellant mhux qed jiddubita li l-appellat Mario Gatt kien ibati minn din il-kundizzjoni medika, u li fil-mument li seħħ l-inċident stradali huwa kellu *black out* jew, hekk kif formalment imsejħa, *absent seizure,* u dan peress li ittellgħu diversi provi sintomatiċi ma' dan ix-xenarju;

3. Illi mix-xhieda tan-newrologu Dr. Norbert Vella, jirriżulta li l-appellat kien ilu jbati minn aċċessjonijiet (*seizures)* minn Marzu tal-elfejn u tnax (2012) iġifieri għal madwar tlett snin qabel id-data tal-inċident.[8] Jgħid ukoll li l-appellat kien beda jieħu l-mediċini biex jikkontrolla dawn l-aċċessjonijiet iżda l-mediċina ma kinitx qed tkun biżżejjed biex tikkontrollhom;[9]

4. Illi skont l-appellat, meta kienet ittih aċċessjoni, huwa kien iħoss bħal vojt ġo moħħu. Huwa jispjega dak li kien iħoss billi jgħid hekk: 'vojt fis-sens li tkun qed tagħmel xi ħaġa u mbgħad qisek teħel għal ftit sekondi, sekonda jew tnejn l-iktar imbgħad ovjament tiġi f'tiegħek imma jkollok dik il-problema li ma tkunx taf x'għamilt f'dawk is-sekondi'.[10] Skont Dr. Norbert Vella, dan hu magħruf bħala *automatism* u jispjega billi jġib eżempju ta' meta persuna ttiha aċċessjoni waqt li tkun qed taħsel il-platti – per eżempju meta qabel l-aċċessjoni jkollha sitt platti fis-sink u wara li tiġi f'sensiha tinduna li hemm erbgħa platti fis-sink imma ma tiftakarx li nel frattemp tkun ħaslet tnejn iġifieri dik il-persuna ma tkunx konxja ta' x'qed jiġri waqt li tkun qed tbati

[8] Vide folio 224.
[9] Vide folio 226.
[10] Vide folio 195.

minn aċċessjoni.[11] Skont it-tabib, l-appellat kien ikollu 'nuqqas ta' *awareness*' u kien ikun f'*automatic behavior;*[12]

5. Illi skont l-appellat dawn l-aċċessjonijiet kienu jdumu 'għal ftit sekondi żgħar'[13] u kienu jtuh minn 'darba sa darbtejn fil-ġimgħa...l-iktar l-iktar tlett darbiet fil-ġimgħa';[14]

6. Illi skont l-appellat, qatt ma kellu aċċessjoni waqt li kien qed isuq;[15]

7. L-appellat jixhed ukoll li kien ġie mitlub biex ma jitlax slielem u biex ma jgħumx fil-fond waħdu, u li qatt ma ngħata xi projbizzjoni oħra apparti dawn;[16]

8. Meta Dr. Norbert Vella ġie mistoqsi jekk qatt ta struzzjonijiet lill-appellat biex ma jsuqx, huwa jwieġeb: 'Jien ma niftakarx li qatt tajtu jiġifieri ma niftakarx';[17]

Illi magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, u fid-dawl tal-ġurisprudenza supraċitata, l-esponent huwa tal-umli fehma li meta l-appellat għażel li jsuq il-vettura tiegħu meta kien jaf li kien ibati minn aċċessjonijiet, huwa kien imprudenti f'għemilu, u li din l-imprudenza kkawżat il-mewt tal-vittma Rainer Mader;

Illi l-esponent huwa tal-fehma li l-appellat kien imprudenti f'għemilu għal diversi raġunijiet. L-appellat kien jaf ben tajjeb bis-sintomi ta' dawn l-aċċessjonijiet u kien jaf ukoll li kien ibgħati minnhom ta' spiss. In fatti, dawn l-aċċessjonijiet kienu jtuh minn darba sa tlett darbiet fil-ġimgħa. Huwa kien konxju wkoll tal-fatt li dawn l-aċċessjonijiet ma kienux qed jiġu kkontrollati tant li ftit jiem qabel l-inċident it-tabib kuranti tiegħu kien żdiedlu d-doża ta' l-*epilim,* li hija mediċina biex tikkura l-

[11] Vide folio 228.
[12] Vide folio 230.
[13] Vide folio 195.
[14] Vide folio 197.
[15] Vide folio 199.
[16] Vide folio 196-197
[17] Vide folio 231.

epilesija, imma minkejja dan, l-appellat ma kienx qed jirrispondi għal din il-mediċina.[18] In oltre, ma ġiex sodisfaċentament ippruvat li dawn l-aċċessjonijiet kienu jseħħu f'xi ħin partikolari tal-ġurnata jew waqt xi attività partikolari, u għalhekk dawn l-aċċessjonijiet setgħu jseħħu fi kwalunkwe ħin u mument tal-ġurnata. Di più, il-fatt li l-appellat qatt ma kellu aċċessjoni waqt is-sewqan ma jfissirx li qatt ma seta' ikollu aċċessjoni waqt li kien qed isuq. In fatti, għalkemm l-appellat isemmi l-aċċessjonijiet li kienu jseħħu waqt il-ħin tax-xogħol, mix-xhieda ta' Dr. Norbert Vella jirriżulta li l-ewwel darba li l-appellat kellu aċċessjoni kien bil-lejl waqt li kien rieqed;[19]

Illi fid-dawl tas-suespost, l-esponent huwa tal-umli fehma li bl-użu tad-diliġenza tal-bonus pater familias, l-appellat seta' jipprevedi l-konsegwenzi dannuzi u fatali ta' għemilu. Fil-fehma tal-esponent, ma kienx hemm bżonn ta' diliġenza straordinarja biex l-appellat jipprevedi sitwazzjoni fejn ikollu aċċessjoni waqt is-sewqan kif effettivament ġara, u dan peress li l-aċċessjonijiet setgħu jseħħu fi kwalunkwe ħin tal-ġurnata;

Illi bir-rispett kollu, il-fatt li ħadd qatt ma qallu biex ma jsuqx, ma jfissirx li ma kienx mistenni minnu li jieqaf isuq. M'hijiex skużanti għall-appellat li jisħaq li t-tabib kuranti tiegħu ma qallux biex ma jsuqx għax fl-aħħar mill-aħħar u f'għajnejn il-liġi, kulħadd huwa responsabbli ta' għemilu. L-appellat, persuna adulta u ta' intellet normali, kien jaf ben tajjeb bil-frekwenza tal-aċċessjonijiet li kien qed ikollu, u kif huwa kien jiġi diżabbiltat temporanjament waqt dawn l-aċċessjonijiet, u allura kienet responsabbiltà unikament u esklussivament tiegħu li jiddeżisti minn kull attività li setgħet tpoġġi fil-periklu lilu, u addirittura lil terzi. Kaġun ta' din in-negliġenza da parti tal-appellat, persuna li kienet miexja għall-affari tagħha ġewwa Tas-Sliema spiċċat tilfet ħajjitha inutilment. Fl-umli fehma tal-esponent, persuna ta' diliġenza ta' *bonus pater familias* kienet iżżomm lura milli ssuq sabiex jigi evitat il-possibilità ta' ħsara u dannu lil terzi liema ħsara u dannu setgħu jiġu kkawżati mill-aċċessjonijiet li

[18] Vide folio 226.
[19] Vide folio 225.

kien ikollu l-appellat. Jekk l-appellat ġie mwissi biex ma jitlax fuq slielem u biex ma jgħodos fil-fond minħabba l-periklu assoċċjat mal-għoli u mal-għawm *considerando* l-fatt li l-appellat kien ibati minn aċċessjonijiet, kemm allura huwa iktar ta' periklu li ssuq vettura fit-triq meta tista' tiġi kkawżata ħsara mhux biss lis-sewwieq tal-vettura imma anki lis-sewwieqa l-oħra u lill-persuni li jkunu miexjin fit-triq?! Di più, ma kienx biżżejjed li l-appellat jagħżel li jsuq meta kien jaf li jbati minn aċċessjonijiet, iżda agħar minn hekk, ikkonsma l-cannabis qabel ma seħħ l-inċident in kwistjoni[20];

Illi in oltre, il-fatt li, skont l-appellat, l-aċċessjonijiet tiegħu kienu normalment idumu għal ftit sekondi, xejn ma jiskużah talli baqa' isuq fil-kundizzjoni li kien jinsab fiha, u dan peress li effettivament kull ma trid huwa sekonda jew tnejn biex ikollok inċident awtomobilistiku;

Illi di più, l-esponent, bid-dovut rispett lejn il-Qorti tal-Maġistrati, umilment jissottometti li s-sentenza ċitata minn din il-Qorti fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs Francis Scerri"** mogħtija mill-istess Qorti nhar id-29 ta' Settembru 2004, ma tikkonċernax l-istess xenarju tal-każ odjern għax filwaqt li kemm l-imputat Scerri u l-appellat Gatt kienu jbgħatu minn kundizzjoni medika fiż-żmien tal-inċident stradali, fil-każ ta' Scerri, Scerri u t-tobba li kienu qegħdin jikkurawh fiż-żmien tal-inċident kienu mingħalihom li qed ibgħati minn allerġija mentri wara l-inċident saru jafu li kien ibgħati minn *sleep apnea syndrome,* u allura Scerri u t-tobba, fiż-żmien tal-inċident, ma setgħux ikunu jafu bl-effetti u l-konsegwenzi kollha tal-kundizzjoni li Scerri kien qed ibati minnha. Iżda fil-każ odjern, l-appellat kien jaf minn <u>qabel</u> ma' seħħ l-inċident stradali minn xiex kien ibati u bl-effetti u l-konsegwenzi kollha li jġibu magħhom l-aċċessjonijiet;

Illi in vista tas-suespost, l-esponent umilment jissottometti illi li kieku l-appellat eżerċita ftit iktar attenzjoni u ħsieb u ħa l-opportuni kawteli, liema eżerċizzju setgħet tagħmlu persuna ta' diliġenza u sensibilità normali, u li kien mistenni fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, l-appellat kien jipprevedi l-konsegwenzi fatali ta' għemilu, liema

[20] Vide folio 138a u 146.

konsegwenzi kienu, fl-umli fehma tal-esponent, prevedibbli, u li dan in-nuqqas ta' attenzjoni u t-teħid ta' prekawzjonijiet jikkostitwixxu l-element formali tal-imputazzjonijiet li jirrigwardaw l-omiċidju nvolontarju u l-ħsara nvolontarja;

Illi fuq nota konklussiva dwar dan il-punt, l-esponent jemmen li l-imputazzjonijiet rigwardanti l-omiċidju nvolontarju u l-ħsara nvolontarja ġew sodisfaċentament ippruvati. Applikati l-prinċipji li jemerġu mill-ġurisprudenza nostrana għal każ in eżami, l-esponent fermament jemmen li mhux biss kien hemm kondotta volontarja u imprudenti da parti tal-appellat (l-element materjali) imma li kien hemm ukoll ness ta' każwalita bejn dik il-kondotta u l-mewt tal-vittma Rianer Mader u l-ħsara fuq il-proprjetà ta' terzi liema effetti dannużi, għalkemm mhux previsti mill-appellat, ċertament li kienu prevedibbli minn persuna ta' diliġenza ordinarja, u għalhekk minħabba dan in-nuqqas ta' preveddibiltà (l-element formali) l-appellat kellu jinstab ħati ta' din il-kondotta kolpuża;

Ili in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi fit-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015) l-appellat Mario Gatt kien qieghed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JBP 829 f'Ta Sliema;

2. L-appellat l-ewwel habat ma' vettura li kienet ipparkjata fl-genb tat-triq vicin l-hanut bl-isem 'Next' li qabel kien il-Joinwell;

3. Sussegwentement l-appellat baqa' jsuq u habat ma' vettura ohra fil-parti ta' wara fejn gie anke maqtul pedestrian certu Rainer Mader;

4. L-appellat skont dak li jirrizulta a fol 47 kien informa lil Magistrat Inkwirenti li jiehu l-pilloli epilem darba kuljum u dan in segwitu li kienet instabet vina maghquda f'mohhu madwar erba' (4) sa hames (5) snin ilu;

5. L-appellat fl-istqarrija rilaxxata l-ghada t-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015) ghamilha cara li ma ghandux idea x'gara u informa lill-Ispettur li jbaghti minn kundizzjoni fejn fiha jkolli *fits* u blackouts u li ghalhekk ma jistax jiftakar x'gara.

6. Sussegwentement ittiehdu proceduri fil-konfront tal-appellat.

7. L-appellat gie misjub hati ta' pussess ta' raza mehuda mill-pjanta Cannabis u gie lliberat mill-kumplament tal-imputazzjonijiet.

Illi l-appell tal-appellant Avukat Generali huwa ibbazat kemm fuq il-principji legali rigwardanti 'nuqqas ta' hsieb ' u 'traskuragni' kif ukoll dwar l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti. Kif irritenew il-Qrati ta' Malta, din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghal konkluzjoni li waslet ghaliha. Kif gie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. A. Zammit) Vs Faical Mahouachi'**[21]

*'Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il- Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is- sens "inter alia" l-*

[21] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta' Jannar, 2006 (Appell Kriminali Numru: 244/2005)

*Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**.[22]" ; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi** [23]" ; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[24]"; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[25]" u ohrajn .)*' (Emfazi mizjuda u d-dettalji dwar is-sentenzi citati jinsabu fin-noti fil-qiegh tal-pagna)

Fl-istess sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. A. Zammit) Vs Faical Mahouachi'**[26] gie kkunsidrat ukoll:

'*Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn **LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY** fil-kawza "**R. v. Cooper**"[27] (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-*

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Ara wkoll **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE** (1991) , p. 1392).' (Emfazi mizjuda)

L-appell tal-Avukat Generali huwa limitat ghall-liberatorja tal-ewwel (1), t-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjoni. Dawn l-imputazzjonijiet jittrattaw il-kuncett ta' negligenza. L-appellant jissottometti li l-artikolu 225 cioe' l-omicidju involontarju u l-artikolu 328 u cioe' hsara involontarja jitkellem dwar nuqqas ta' hsieb, traskuragni, nuqqas ta' hija fl-arti jew professjoni jew nuqqas ta' tharis ta' regolamenti. L-appellant Avukat Generali jaghmel referenza ghal kazistika dwar in-natura u l-elementi tar-reat ta' omicidju involontarju. Jissottometti li taht dawn il-forom ta'

22 Deciz mill-Qorti tal-Appellli Kriminali nhar it-12 ta' Mejju 1994.
23 Deciz mill-Qorti tal-Appellli Kriminali nhar l-14 ta Frar 1989
24 Deciz mill-Qorti tal-Appellli Kriminali nhar il-31 ta Mejju 1991
25 Deciz mill-Qorti tal-Appellli Kriminali nhar il-31 ta Mejju 1991
26 Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta' Jannar, 2006 (Appell Kriminali Numru: 244/2005)
27 [1969] 1 QB 276

kondotta kolpuzi minhabba imprudenza, negligenza u imperizja, sia minhabba nuqqas ta' osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, hemm element essenzjali, dak tal-prevedibilita'. Jissottometti li l-Qorti trid tara jekk l-imputat agixxiex ta' *bonus pater familias* meta wiehed iqis numru ta' kunsiderazzjonijiet ta' apprezzament ta' provi li l-Avukat Generali jaghmel referenza ghalihom. In succint dak li qieghed jghid l-appellant Avukat Generali huwa li l-appellat kellu cavernoma fil-mohh u kien ibati minn absent seizures tip ta' epilesija, u kellu wkoll il-kundizzjoni ta' *automatism*, li mix-xhieda tan-newrologu Dr Norbert Vella jirrizulta li l-appellat kienu ilu jbati minn accessjonijiet (seizures) minn Marzu tal-elfejn u tnax (2012) jigifieri ghal madwar tlett (3) snin qabel id-data tal-incident u kien beda jiehu medicina biex jikkontrolla dawn l-accessjonijiet izda l-medicina ma kienitx qed tkun bizzejjed biex tikkontrollhom. Li skont l-appellat, meta kienet ittih accessjoni, huwa kien ihoss bhal vojt go mohhu, li skont it-tabib l-appellat kien ikollu '*nuqqas ta' awareness*' u kien ikun f'*automatic behaviour*. Li skont l-appellat dawn l-accessjonijiet kienu jdumu ghal ftit sekondi zghar u li kienu jigru minn darba sa darbtejn fil-gimgha, l-iktar tlett darbiet fil-gimgha. Li skontu, qatt ma kellu accessjoni waqt li jsuq u li gie mitlub biex ma jitlax slielem u biex ma jghumx fil-fond wahdu izda li qatt ma nghata xi projbizzjoni ohra apparti dawn. L-Avukat Generali jaghmel referenza ghal fatt li meta Dr Norbert Vella gie mistoqsi jekk qatt ta' struzzjonijiet lil appellat biex ma jsuqx huwa wiegeb li '*Jien ma niftakarx li qatt tajtu jiġifieri ma niftakarx*'.

Ghalhekk l-appell tal-Avukat Generali huwa bbazat fuq il-premessa li meta l-appellat ghazel li jsuq il-vettura tieghu meta kien jaf li kien ibati minn accessjonijiet, huwa kien imprudenti f'ghemilu u li din l-imprudenza kkawzat il-mewt tal-vittma Ranier Mader. Skont l-appellant, l-appellat kien imprudenti f'ghemilu ghax kien jaf ben tajjeb bis-sintomi ta' dawn l-accessjonijiet u kien jaf ukoll li kien ibghati minnhom ta' spiss. Dawn l-accessjonijiet kienu jtuh minn darba sa tlett darbiet fil-gimgha, li kien konxju li dawn l-accessjonijiet ma kienux qed jigu kkontrollati tant li jiem qabel it-tabib kien ziedlu d-doza tal-epilim, medicina biex tikkura l-epilesija, izda ma kienx qed jirrispondi ghal din il-medicina. Li skont l-Avukat Generali ma

giex ippruvat li dawn kienu jsehhu f'xi hin partikolari tal-gurnata, li l-fatt li qatt ma kellu accessjoni waqt is-sewqan ma jfissirx li qatt ma seta' jkollu accessjoni waqt li kien qed isuq. Wara li l-Avukat Generali jaghmel sottomissjoijiet fuq dak li skontu kien mistenni mill-appellat u cioe' li ma jsuqx, jissottometti li l-appellat kien anke ikkonsma l-cannabis qabel ma sehh l-incident in kwistjoni.

L-appellant jghaddi biex jikkompara l-kaz odjern ma dak fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Francis Scerri' u jissottometti li ma jikkoncernawx l-istess xenarju. L-appellant Avukat Generali jemmen li mhux biss kien hemm kondotta volontarja u imprudenti da parti tal-appellat imma li kien hemmm ukoll ness ta' kazwalita' bejn dik l-kondotta u l-mewt tal-vittma Rianer Mader u l-hsara fuq il-proprjeta' ta' terzi liema effetti danuzi ghalkemm mhux previsti mill-appellat, kienu prevedibbli minn persuna ta' diligenza ordinarja, u ghalhekk minhabba dan in-nuqqas ta' preveddibilita', l-appellat kellu jinstab hati ta' din il-kondotta kolpuza.

Ikkunsidrat;

In vista tal-fatt li l-appell tal-Avukat Generali ma jirrigwardax apprezzament tal-fatti ta' kif sehh l-incident u dan stante li l-appellant jikkoncedi li '*mhux qed jiddubita li l-appellat Mario Gatt kien ibati minn din il-kundizzjoni medika, u li fil-mument li seħħ l-inċident stradali huwa kellu black out jew, hekk kif formalment imsejħa, absent seizure, u dan peress li ittellgħu diversi provi sintimatiċi ma' dan ix-xenarju*'. Ghalhekk il-pern tal-appell huwa li la darba l-appellat kien jaf bil-kundizzjoni tieghu, ma messux saq. Din il-Qorti ghalhekk sejra tillimita ruhha ghas-sottomissjonijiet imqajma mill-appellant fl-appell tieghu. Ghal dan il-ghan, din il-Qorti sejra tibda billi taghmel referenza ghal partijiet relevanti ta' uhud mix-xhieda li xehdu dwar il-kundizzjoni tal-appellant. Ghaldaqstant, din il-Qorti sejra fl-ewwel lok taghmel referenza ghall-istqarrija rilaxxata mill-imputat, sussegwentement taghmel referenza ghax-xhieda tal-imputat moghtija quddiem l-Ewwel Qorti u wara taghmel referenza ghax-xhieda tat-tobba u esperti li xehdu quddiem l-Ewwel Qorti.

Fl-istqarrija rilaxxata fit-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015) mill-appellat Mario Gatt fost affarijiet ohra stqarr li '*Jiena li nista nghid huwa li kull ma niftakar x'gara sa meta wasalt quddiem il-hanut Carpisa li jinsab ftit qabel il- hannut tan-Next, izda x'gara wara ma nistax niftakar.*' Mistoqsi '*Wara li inti hbat mal- vettura immsemmija inti bqajt ssuq b'velocita eccessiva lejn id-direzzjoni ta' San Giljan, kif wasalt u qbist il- pjazza ta' quddiem l-Ambaxxata Germaniza inti bqajt diehel go truck Pickup u wara tajjart persuna ta' sess maskili waqqaft ftit u mbghad bqajt sejjer meta mbghad inti waqqaft bejn wiehed u iehor 450 metru il- boghod. X'ghandek xi tajdli?*' Wiegeb '*Jiena nerga najdlek ma niftakar xejn.*' Mistoqsi '*Jek najdlek li inti waqqaft minhabba ir- raguni li l- vettura tant garbet hsara li ma stajtx tibqa ssuqa, xi tajdli?*' wiegeb '*Ma ghandiex idea.*' Mistoqsi '*Il-vettura tieghek kellha mill-inqas zewgt tires mifuqin u kellek ammont ta' hsara fuq il-mudguard ta' quddiem , li minhabba f' hekk l-vettura ma setatx tibqa tigi misjuqa. Jista jkun ghalhekk inti waqqaft u mhux ghax kellek xi intenzzjoni li tieqaf?*' wiegeb '*assolutament le. Jiena lanqas kont naf li kelli daqqa mal- vettura. Kull ma niftakar huwa li kien hemm ragel li beda jhabbatli mal- hgiega u beda jajdli li jiena ghadni kif tajjart ragel.*' Mistoqsi jekk jaqbilx li l-vettura tieghu kellha l-windscreen kollu mkisser u li wiehed ma setghax ma jindunax bil-hsara li kellha l-windscreen, wiegeb li '*Jiena nbati minn kundizzjoni fejn fiha jiena jkolli xi fits u blackouts, u ghalhekk jiena ma niftakarx x'gara. Jiena qad nahseb li il- bierah kelli blackout, anzi mhux qed nahseb ima I am sure ghax li kieku kont nieqaf meta habt mal- ewwel vettura. Jiena bhala insurance qieghed insured full u allura ma kelliex ghalfejn ma nieqafx.*' Huwa ma xtaqtx jikkumenta dwar jekk instabitx bicca resin tal-Cannabis fil-vettura tieghu. Meta mistoqsi jekk gieli abbuza mid-droga wiegeb '*Jiena gieli hadt nifs l- hemm u l'hawn izda dik- dorga li kien hemm fil- vettura mhux tieghi. Jiena l- ahhar li abbuzajt mid-droga u meta nghid droga iffisser li nkun hadt xi joint jigiefieri nkun hadt ftit Cannabis, f' dicembru 2014.*' Mistoqsi '*Jekk inti kont taf li tbati mill- Blackouts u fits. u anke ammettejt li tiehu l-Epilem, tista tajdli kif int irnexielek totjeni licenzja tas-sewqan?*' wiegeb '*Jiena il- licenzja kont applikjat ghalija meta kelli 18 il- sena. Min dakinhar qatt ma ergajt kelli bzonn naghmel xi testijiet.*' Zied jghid ukoll li '*jekk tistu gibu il- file tieghi mill- isptar sabiex taraw li verament jiena nbatti mill- blackouts, u li jiena zgur mhux*

*fil- karratru tieghi li jekk nahbat ma vettura ha nibqa sejjer, lanqas jekk jkolli tort jiena.'*

L-appellat ghazel li jiehu l-pedana tax-xhieda quddiem l-Ewwel Qorti fil-wiehed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) fost affarijiet ohra xehed li '*niftakar il-hanut tan-Next Ta Sliema*' u cioe' fejn kien il-Joinwell qabel, kif titla minn Tower Road hemm qisha pjazza. Xehed li '*Imbaghad niftakar ragel jhabbatli mal-hgiega tal-karozza l' bqija ma niftakar assolutament xejn x'gara*'. Spjega li beda jhabbatlu mat-tieqa tal-passiggier tal-karozza kif qabez il-Preluna. X'imkien lejn il-Fortizza. Spjega li '*Kont miexi bil-karozza, ovvjament dak il-hin meta beda jhabbatli ma kontx l-ewwel haga li bdejt nghidlu, bdejt nghidlu ghalxiex qed thabbatli mal-hgiega tal-karozza*', jispjega li f'daqqa wahda rah miexi mal-karozza u jhabbatlu biex jieqaf. Mistoqsi dwar il-kundizzjoni medika huwa xehed li '*Immorru lura ghal-2012 sitt snin ilu, niftakar meta l-mara bdiet tinnota xi moviment waqt li kont rieqed, darba minnhom bdiet tinnota xi moviment waqt li kont rieqed. Jien qomt normali niftakar li l-ghada imma haduni ghand it-tabib tal-familja u b'ordni talabni biex immur l-isptar immedjatament. Min hemmhekk bdew it-testijiet ic-check ups kollha u min MRI irrizulta li kelli cavernoma*' li huma qishom '*vini maghqudin go parti delikata tal-mohh.*' Ghal bidu bdewlu bil-pinnoli '*kienu Epilim kelli tal-500 milligrams bdejt bihom u biz-zmien bdew jgholluli d-doza. Essagg kont immur tajjeb fil-bidu bil-pinnoli jigifieri imma kont ninnota li kont meta waqt il-hin tax-xoghol kont inhoss ishu vojt go mohhi ghal ftit sekondi zghar.*' Spjega li '*Vojt fis-sens li tkun qed taghmel xi haga u imbaghad isek tehel ghal ftit sekondi, sekonda jew tnejn l-iktar imbaghad ovvjament tigi f'tieghek imma jkollok dik il-problema li ma tkunx taf x'ghamilt f'dawk is-sekondi.*' Dwar ix-xoghol tieghu qal li '*kont ninnota ahna naraw l-image tac-cekk fuq is-sistema fuq il-monitor u jien nimputtja l-ammont u l-account number u kif ghedtlek kont ninnta li kont qed nehel ghal sekonda jigifieri wara ftit, zewg sekondi tlieta kont nara li c-cekk kien ghadu hemm ma giex iddepozitat u hemmhekk xeghlitli l-question mark x'qed jigri*'. Jghid li kien mar ghand Dr Norbert Vella li huwa specjalizzat u anke kienu jarawh tobba ukll. Dr Norbert Vella huwa newrologu imma mhux kirurgu ma joperax. Spjega li '*ghal bidu kien kollu mill-fatt ta' din il-Cavernoma u kien spjegali li inbaghti min tip ta' epilepsy jisimha Absence Seizures ghax hemm hafna tipi ta' seizures*'. Spjega li '*meta bdew jaqbduni hekk kont ikolli daqxejn dwejjaq u nervi u kull darba li kont niltaqa' mieghu*

*kont nirsistilu biex jara x'ha jaghmel biex dawn is-sekondi jikkontrollahhomli. Fil fatt kien taghni pinnola ohra il-Kepra u pprova jesperimenta biha.*' Spjega li ghal bidu baqa bil-pinnoli jghollilu d-doza sakemm jaslu jeliminaw dawn is-sekondi. Dwar jekk giex diskuss biex jaghmel intervent wiegeb li '*Ghal bidu ma haduhix in consideration minkejja r-riskju kbir li kien fiha. Kien approcjani niftakar Professur iehor hawn Malta imma ma ried b'xejn joperani mnhabba r-riskju kbir li kien fiha.*' Spjega li '*kienet operazzjoni ghax inzertat f'naqra post delikat tal-mohh u ifhimni kien fiha riskju kbir ovvjament li ishu hadd ma jaf meta tilghab mal-mohh, hu stess kien qalli hemm riskju kbir dejjem*'. Mistoqsija jekk kellux xi ristruzzjonijiet wiegeb '*Iva niftakar kont mitlub specifikament biex ma nitlax slielen u ma nghumx fil-fond wahdi assolutament*'. Mistoqsi '*Qatt inghatajt xi projbizzjonijiet ohra apparti dawn rigwardanti s-slielen u biex ma tinzilx il-fond fil-bahar?*' wiegeb '*Le le assolutament le.*' Mistoqsi is-seizures kemm kienu jkunu frekwenti wiegeb '*Ma taqbdilhomx art imma normalment darba sa darbtejn fil-gimgha kont ikkalkulajt darba darbtejn l-iktar l-iktar tlett darbiet fil-gimgha imma mhux iktar*'. Mistoqsi x'beda jhoss meta beda jhabbatlu r-ragel mat-tieqa u x'beda jirrealizza wiegeb li '*Meta ovvjament beda jhabbatli mal-hgiega wara ftit l-ewwel post li sibt qbadt u iparkjajt il-karozza. Hemmhekk imbaghad niftakar gew il--pulizija u x'hin bdew jghiduli x'gara jien bqajt totalment imbellah ghax ma kontx naf li gara l-incident bqajt ninsisti li ma garax l-incident.*' Induna li kien gara incident x'hin beda jara certu hsarat li kellha l-karozza li ma kienux hemm, beda jaccetta u jirrealizza '*ghedt Mar kelli incident.*' Fost affarijiet ohra mistoqsi fid-dawl tal-fatt li kien ibghati minn absence seizure, ghaliex hass li kellu jinfurma lill ispettur b'dan l-istat ta' fatt wiegeb '*Ifhimni hija xi haga mhux normali jigifieri u peress li forsi kienu spjegawli li kont inbaghti b'xi tip ta' Cavernoma li tikkawza certu tip ta' seizure*', mistoqsi jekk qatt kien tah xi seizure waqt li kien qed isuq wiegeb '*Assolutament le lanqas f'daqshekk kobor dejjem sekonda jew tnejn jigifieri xi haga daqshekk kbira qatt ma esperjenzajta ghax kieku emminni lanqas nimxi fit-triq wahdi ma kont ahseb u ara kemm insuq*'. Spjega li wara l-arrest ikkuntatja lis-Specjalista tieghu Dr Norbert Vella, ghamel l-ewwel appuntament privat urgenti jiftakar kien accettah biex jaghtih spjegazzjoni x'gara, xi gralu f'mohhu. Regghu bdew bit-testijiet iktar fil-fond u il-hin kollu jilmenta u jaghfashom biex minkejja r-riskju kollu, ried bilfors jaghmel l-operazzjoni ghax '*wara esperjenza kera u ma tistax tikkontrolla mohhok*

*u certu affarijiet ma tistax tiftakarhom bdiet toqtolni l-haga min gewwa ridt bilfors naghmilha avolja kellha riskji enormi.*'

Xehed ukoll li '*Jien kont nuza l-kannabis ovvjament assolutament mhux b'mod regolari. Just f'certu okkazjonijiet kont niltaqa' ma' certu klikka ta' hbieb u iva nammetti iva kont xi kultant inkompli maghhom.*' Mistoqsi '*Kont iddiskutejt din il-kwistjoni tal-uzu tal-kannabis mal-konsulenti tieghek?*' spjega '*Kont spjegajta, kont staqsejta lill Dr. Ludvic Zrinzo li kien gie Malta biex jopperani u assikurani li wahda ma tmurx assolutament kontra l-ohra.*' Staqsieh ghax ried inehhi kull dubju possibli kellu f'mohhu. Mistoqsi ghat-tip ta' dubju li seta kellu f'mohhu wiegeb '*Ifhimni bdejt nipprova ingib f'mohhi l-afarijiet li ghamilt f'hajti li ma kinux normali li naghmilhom u din kienet wahda minnhom u kif ghedtlek assikurani li ma kelli l-ebda, wahda ma tmurx assolutament kontra l-ohra. Anzi qalli qed jipproponuha barra min Malta biex tikkontrolla l-epilepsy*' Huwa kkonferma li sussegwentement ghamel l-operazzjoni, jghid li qatt ma saq wara l-incident u li ftit ilu tawh il-*go ahead* li jista' jsuq. Meta mistoqsi dwar id-doza tal-Epilem x'kienet qabel l-incident wiegeb li jekk mhux sejjer zball xi 2000 milligrams bejn 1750 sa 2000 milligrams kuljum, jiehu erba' (4) sa hames (5) pinnoli kuljum qabel jorqod. Xi erba' hames t'ijiet qabel l-incident kien zidlu pinnola ohra l-Kepra. L-istruzzjonijiet baqghu l-itess jigifieri '*dejjem jghidli titlax slielen fl-gholi u tghumx fil-fond wahdek*'.

In kontro-ezami meta mistoqsi meta l-ahhar li kien ikkonsma l-kannabis wiegeb '*Ghax ippruvajt nahseb, ftit qabel il-kaz jekk m'inix sejjer zball kien it-Tnejn, ma nafx jekk hux fil-weekend kont niftakar hadt xi nifsijiet u ghal habta tal-Milied u New Year iva pejjipt xi joints.*' Mistoqsi '*Jigifieri fiz-zmien tal-incident dawk iz-zminijiet meta kont hadt l-ahhar qed insaqik ghax niftakar li l-Espert tal-Qorti kien xehed hawn u kien qal li kellek high concentration ta' cannabis li jindika li apparentement jindika li kont heavy user during the night or morning of the accident, x'ghandek xi twiegeb ghal din?*' wiegeb '*Assolutament jien fil fatt bqajt imbellah jien ma nafx ezatt kif jikkaklulaw bhala doza jew le imma iva vera ma nafx jekk hux is-Sibt jew il-Gimgha iva kont pejjipt*' xehed li '*Qabel l-accident. Kieku ghedtli fin-New Year iva jew il-Christmas ghax kont pejjipx xi joints wahi joints shah skuzani*', xehed li '*imma qabel l-accident nassikurak komplejt just ftit nifsijiet ftit l'hemm u*

*l'hawn ma nafx hux il-Gimgha jew is-Sibt ha nkun onest'*. Dwar li saqsa lit-tabib jekk il-kannabis taffetwax il-mediciation qal li saqsieh wara l-incident '*biex nara jekk kienx il-kawza ppruvajt nelimina l-affarijiet li mhux normali naghmilhom kuljum u din kienet wahda minnhom.*' Qabel l-incident ma kienx staqsa jghid '*li kieku nahseb kont regular user kont insaqsih peress li nahseb forsi pejjipt darbtejn f'sena, tlieta f'certu okkazjonijiet ma hassejtx dik il-htiega.*' Meta mistoqsi dwar kif b'tyre mifqugh f'liwja ta' kwazi *ninety degrees* kien kapaci jimmanuvra l-karozza mill-hin li lqattha sa fejn wasal hdejn il-Preluna wiegeb li '*Ghalhekk kissirt mohhhi nipprova niftakar x'kien gara ghalhekk ghamilt min kollox biex din l-operazzoni sehhet ma nistax nghidilek ghax hemm gap li ma nistax assoltament niftakar xejn x'kien gara.*'

Din il-Qorti sejra issa tghaddi biex tqis ix-xhieda ta' Dr Norbert Vella moghtija fit-tletin (30) ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019). Huwa spjega li huwa Consultant Neurologist u Chairman tad-Dipartiment tan-Neuro Science Mater Dei. Sar jaf lill-appellat f'Lulju tas-sena elfejn u tnax (2012) '*kien gie ghandi ghal second opinion fuq accessjonijiet epilessija li kienu bdew f'Marzu tat-2012 erbgha xhur qabel*'. Spjega li '*Accessjoni tigri min disturb fl-attivita elettrika tal-mohh jigifieri normalment ic-celloli tal-mohh jikkomunijaw b'dak li nghidulu electro chemical jigifieri b'certu kimici li jiggeneraw current elettriku, sfortunament xi kultant dawn jibdew jggeneraw discharges jigifieri attivita' mhux normali u dik tista' timmanifesta ruha f'accessjoni. It-tip ta' accessjoni tiddependi fuq minn fejn qed joriginaw minn fejn qed joriginaw minn fejn qed torigina din l-attivita' mhux normali fil-mohh. Jigifieri jekk xi hadd jkollu problema fuq in-naha ta' quddiem tal-mohh hemm cans li jkollu dawk li nghidulhom motor seizures jigifieri jinvolvu l-muskolatura tan-naha l-ohra tal-mohh.*' Huwa spjega li hemm varjeta' ta' accessjonijiet u l-appellat l-ewwel wiehed li tah kien bil-lejl waqt li kien rieqed u taghtu kif kien deskritt mill-mara tieghu nghidulha generalized motor seizure jigifieri accessjoni generali fejn wiehed jintilef minn sensih u jkollu attivita' dak li nghidulu motor activity jigifieri jbbiesu u jkollhom jerking taz-zewg nahat ta' gisimhom dik kienet l-ewwel wahda. Imbaghad meta gie investigat instabet lokalita minn fejn qed torigina l-problema u anke l-kawza tal-problema. Il-kawza tal-problema kienet Cavernoma. Spjega li '*Cavernoma huwa difett fil-vini tal-mohh. Hafna drabi wiehed jitwieled bihom,*

*hafna drabi lanqas biss jkun hemm sintomi minnhom ghal tul hajtek kollha jigifieri mhux l-ewwel darba xi hadd jispicca b'awtopsja ghal xi raguni jew ohra u insibu Cavernoma li instabet b'mod incidentali. Imma xi kultant dawn jiggeneraw jipprezentaw bil-mod tal-accessjonijiet. Fil-kaz ta' Mr. Gatt konna sibna Cavernoma f'parti tal-mohh u anki li jiccekkja waqt l-attivita tal-mohh li gie kien immarkat li kien hemm attivita mhux normali f'dik il-lokalita'. Jigifieri kemm mill-aspett funzjonali kif ukoll mill-aspett strutturali kien jindika minn fejn gejjin dawn l-accessjonijiet.'* Huwa spjega li '*inbeda fuq medicini biex wiehed jipprova jikkontrolla. Sfortunatament fil-kaz ta' Mr. Gatt we struggled jigifieri ahna by definition dak li nghidulu medical resistant epilepsy jigifieri epilessija li mhux ikkontrollata bil-medicina ghandek ishu terz tal-pazjenti. Terz tal-pazjenti jigifieri u by definition dak huwa ma jirrispondux ghaz-zewg medicini kien f'dan il-kaz li gara fil-kaz ta' Mr. Gatt beda fuq medicina jekk m'inix sejjer zball imbaghad inbeda fuq it-tieni medicina. Eventwalment kellna nispiccawbiex kellna nirreferuh biex tigi estratta jigifieri tigi removed il-Cavernoma li kellu. U fil fatt kienet ta' success ghax min dak iz-zmien l'hawn wara ishu xahrejn milooperazzjoni waqfu l-accessjonijie u ma kellux iktar min dak iz-mien.'*

Mistoqsi jekk l-accessjonjiet li kellu kien li ma jiffokax fuq xi haga wiegeb '*Hafna drabi hekk kienu jkunu jigifieri kien ikollu kwazi diffikulta' li jesprimihom biex jiddeskrivi x'qed jhoss. Gieli qal li kien qed jhossu ishu stordut u ghandi miktub ishu unresponsive dawn it-tip ta' affarijiet imma dejjem ftit sekondi kien idum*' Spjega li sa fejn jaf hu ma kienx jaqa mal-art jew jigifieri jkollu qisu ftit sekondi li ma jkunx aware ta' dak li qed jigri madwaru mbaghad jerga' jkompli dak li jkun qed jaghmel. Spjega li '*Dawn kienu fil-maggoranza jigifieri, dawn li eventwalment ma stajnix nikkontrollaw ghax il-kbar sa fejn naf jien kienu ikkontrollati bil-medicina*'. Spjega li '*Automatism jigifieri l-pazjent jmur into automatic behaviour jigifieri qed jghid qed jahsel il-platti jibqa' jahsel il-platti u imbaghad jigi f'tieghu u jirrealizza per ezempju jekk kien hemm sitt platti fis-sink issa hemm erbgha hu hasel tnejn in the meantime*'. Spjega li '*you loose awareness*'. Huwa xehed ukoll dwar id-differenza bejn accessjonijiet u bejn meta persuna tkun distratta.

Dr Norbert Vella spjega ukoll li xi hadd mit-tobba tieghu kien ra lil appellat sitt'ijiem qabel l-incident. Spjega li '*wahda mill-kollegi li kienet qed tasistini l-Outpatients kienet ratu sitt ijiem qabel fis-6 ta' Jannar 2015 u imbaghad kellu appuntament iehor f'Settmebru*

*2015 li ma kienx gie ghalih u tajnih iehor imbaghad ghal ftit xhur wara. Ma nafx jekk kienx gie in the meantime x'imkien iehor. Imbaghad jien kont rajtu fi Frar 2015 u qalli fil-fatt li kien involut f'dan l-incident u taghni x'nifhem illi kellu nuqqas ta' awareness ghal ftit sekondi u speci kien ishu f'automatic behaviour. Fil fatt kont zidtlu d-doza tal-Epilem.'* Importanti hija l-parti tax-xhieda meta mistoqsi direttament '***<u>Inti personalment qatt tajtu struzzjonijiet biex ma jsuqx</u>***?' wiegeb ***<u>'Jien ma niftakarx li qatt tajtu jigifieri ma niftakarx'</u>***. Fis-sitta (6) ta' Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015) id-doza tal-Epilem zdiedet ghal elf pero ma jafx jekk min 500 jew minn 700. Dwar l-operazzjoni mistoqsi jekk l-appellat kienx insista biex din issir qal li '*Fl-ahhar zgur niftakar, fil-bidu kif nghidlek ma niftakarx l-ewwel reazzjoni tieghu, dak li jkun tghidlu li ser toperah fuq mohhu ma nahsibx.*'

Ikkunsidrat;

Illi dak li rrizulta ampjament mill-provi kien li l-appellat kien ibghati minn tip ta' epilepsy li jisimha *absence seizures* u li kellu l-kundizzjoni ta' *automatism*. Huwa kien gie djanjostikat b'cavernoma. Filfatt kif xehed il-Consultant Neurologist Dr Norbert Vella huwa kien sar jaf lill-appellat minn Lulju tal-elfejn u tnax (2012) fejn kien gie ghal second opinoni dwar accessjonijiet li kienu bdew f'Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012). Ghalhekk jirrizulta li d-dijanjosi saret ferm qabel ma sehh l-incident in kwistjoni u cioe' fit-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015). Mix-xhieda tal-appellat jirrizulta li l-unici restrizzjonijiet li kienu nghataw lilu kien sabiex ma jitlax fuq slielem u ma jghumx fil-fond wahdu. Ghalhekk ma jirrizultax li nghata xi ordni jew struzzjoni biex ma jsuqx vettura. Meta xehed Dr Norbert Vella u gie mistoqsi jekk huwa tahx ordni sabiex ma jsuqx huwa qal li ma jiftakarx. Ghalhekk certament li ma jistax jinghad li gie ippruvat li l-appellat kellu ordni sabiex ma jsuqx u li huwa mar kontra din l-ordni, jekk xejn gie ippruvat li ma kien hemm l-ebda ordni f'dan ir-rigward. L-argument tal-appellant Avukat Generali fl-appell tieghu huwa li jekk l-appellat gie mwissi biex ma jitlax fuq slielem u biex ma jghodos fil-fond minhabba l-periklu assoccjat mal-gholi u mal-ghawn considerando l-fatt li l-appellat kien ibati minn dawn l-accessjonijiet, kemm allura huwa iktar ta' periklu li

ssuq vettura fit-triq meta tista' tigi kkawzata hsara mhux biss lis-sewwieq tal-vettura izda anke lis-sewwieqa l-ohra u persuni li jkunu mexjin fit-triq. Skont l-apellant ghalhekk kien hemm kondotta volontarja u imprudenti da parti tal-appellat kif ukoll in-ness ta' kazwalita bejn dik il-kondotta u l-mewt tal-vittma u l-hsara fuq il-proprjeta' ta terzi liema effetti dannuzi, ghalkemm mux previsti mill-appellat, certament li kienu prevedibbli minn persuna ta' diligenza ordinarji u halhekk skont l-appellant minhabba dan in-nuqqas ta' preveddibilita', ghalhekk skont l-Avukat Generali l-appellat kellu jinstab hati ta' din il-kondotta kolpulza.

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Joseph Mercieca) vs Francis Scerri'**[28] gie kkunsidrat li:

*'Illi irrizulta mix-xhieda kollha illi taw it-tobba illi kienu ikkuraw lill-imputat illi l-imputat kien ibaghti minn "sleep apnea disorder", izda pero' huwa lanqas biss kien jaf u haseb illi kellu l-problema tas-"sinus".*

*Illi, b'konsegwenza diretta ta' din id-disordni illi kien ibaghti minnha l-imputat, bi sfortuna kbira kemm ghalih u specjalment ghall-vittma illi spiccat mietet, sehh l-incident awtomobilistiku in kwistjoni. L-imputat filli kien qieghed isuq, filli ibblankja kompletament, kawza tal-kundizzjoni li kien qieghed ibaghti minnha, u meta rega' gie f'sensih, sab lilu innifsu rasu 'l isfel bil-vettura u irrealizza li kien involut f'incident stradali, izda ma kienx jaf li kien tajjar lil xi hadd.*

*Illi fl-istadju ta' l-inkjesta l-imputat ma kienx jaf bid-disordni li kien qieghed ibaghti minnha u effettivament it-tobba illi xehdu spjegaw illi din hija kundizzjoni illi t-tobba lanqas biss kienu jafu biha, saru jafu biha madwar ghoxrin sena ilu, izda f'Malta saru jafu biha biss recentement. L-imputat kull ma kien jaf kien illi kellu l-problema tas-"sinus"; liema problema certament ma kienitx timpedih milli isuq u effettivament it-tabib li kien qieghed jikkurah qatt ma tah xi ordni biex ma jsuqx karozza.*

*Illi, b'kumbinazzjoni, meta kien qieghed f'St Philips Hospital jistenna li jara tabib iehor, l-*

[28] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fid-29 ta' Settembru, 2004 (Numru: 787/2002)

*imputat iltaqa ma Dr Caruana Montalto, li huwa specjalista f'dawn it-tip ta' disordni ta' l-"sleep apnea". Dr Caruana Montalto issuspetta illi l-imputat kien qieghed ibaghti minn din id- disordni, ghamillu t-testijiet necessarji u sab illi effetivament l-imputat kien qieghed ibaghti mid-disordni ta' "sleep apnea". Dr Caruana Montalto tah xi kura, izda irrizultalu illi l-imputat kellu bzonn ukoll intervent kirurgiku illi sarlu mill-ispecjalista Dr Agius u, wara li saritlu din l-operazzjoni, l-imputat mar 'il quddiem hafna fil-kundizzjoni tieghu.*

*Ikkunsidrat :*

*Illi in vista tac-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, u specjalment in vista tax-xiehda illi inghatat mit-tobba u mill-ispecjalisti, bl-ebda mod ma jista jinghad illi l- Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova illi l-incident in kwistjoni gara tort ta' nuqqas ta' hsieb, traskuragni, jew nuqqas ta' hila fis-sewqan u / jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-imputat.*'

Ghalhekk ma jistax jinghad li l-fattispeci ta' dik il-kawza huma identici ghal kawza odjerna peress li filwaqt li f'dik il-kawza l-imputat u t-tobba ma kienux jafu dwar il-kundizzjoni tal-imputat, fil-kawza odjerna l-imputat kien jaf bil-kundizzjoni tieghu tant li kien qieghed jigi kkurat ghaliha u li l-medicina ma kinitx qed tkun bizzejjed biex tikkontrolla dawn l-accessjonijiet u cioe' l-absent seizures. L-appellat xehed li kellu episodji ta' accessjonijiet li kienu jduma ghal sekonda, zewg sekondi u kienu jsehhu darba, darbtejn u l-aktar l-aktar tlett darbiet fil-gimgha izda qatt ma kienu fid-durata ta' kif sehhew fil-hin tal-incident. Ghalhekk din il-Qorti trid tqis jekk il-fatt li l-appellat ma nghatax struzzjonijiet biex ma jsuqx u ghalhekk kompla jsuq nonostante l-kundizzjoni tieghu twassalx ghal konkluzjoni li l-appellat agixxa b'mod negligenti u jekk l-event dannuz kienx prevedibbli minn persuna ta' diligenza ordinarja.

Ikkunsidrat;

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija versus Saverina sive Rini Borg et'**[29] gie kkunsidrat li:

*'Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuż, hemm neċessarjament l-element ta' attivita diretta għal xi fini partikolari li minħabba nuqqas ta' ċerta prekawzjonijiet jistgħu jiġu leżi jew danneġġjati jew ippreġudikati l-interessi ta' terzi;*

*Il-Professur Giuseppe Santaniello fil-ktieb tieghu Manuale di Diritto Penale, jiddefinixxi d-delitt kolpuż hekk "E' colposo o contro l-intenzione, quando l-evento, anche se preveduto, non e' voluto dall'agente e si verifica a causa di negligenza o imprudenza o imperizia ovvero per inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline. Nel reato colposo e' volontarja la condotta del soggetto agente; mentre non e' voluto l-evento";*

*It-teorija klassika u tradizzjonali, dik imsejħa tal-Carrara, li ripetutament ġiet aċċettata u pprattikata mill-Qrati tagħna, u li in linea tad-definizzjoni fuq mogħtija, hi waħda soġġettiva, li titlob bħala element essenjzali fid-delitt kolpuż dak tal-prevedibbilita' ta' l-event mhux volut;*

*Hu risaput li dan l-element tal-prevedibbilita', fil-każ tal-kolpuż fil-kamp penali hu, kif jesprimi ruħu l-Archbold "a reckless disregard for the safety of others" u hu proprju dan li jġib in-negliġenza kriminali;'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Silvana Zrinzo Azzoprdi vs Dorianne Camilleri'**[30] gie kkunsidrat li:

*'U allura hawn fejn jidhol il-grad tal-culpa tas-sewwieq ghal event dannuz u jekk allura jistax jigi ezentat mir-responsabbilta:*

*"In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, t-trepod tal-kolpa gie definit bhala:*

*1. la volontarieta dell'atto;*

[29] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju, 1998
[30] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Frar, 2018 (Appell numru: 89/2017)

*2. la mancata previsione dell'effetto nocivo; u*

*3. la possibilita di prevedere.*

*Bhala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib culpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija. (vide Il-Pulizija vs John Vella deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta' l- Appelli Kriminali)*[31]*"*

*Din is-sentenza tistrieh fuq l-insenjament ta' zewg guristi tad-dritt penali fejn il-gurist Francesco Carrara jghid hekk dwar il-culpa, "... il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere."*

*Bl-istess mod, il-Professur Anthony J. Mamo, fin-noti tieghu, jghid hekk: "In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable".*

*L-Antolisei, izda jimxi pass 'il quddiem mill-insenjament tal-Carrara u t- tejorija tal-prevedibbilita ta'l-azzjoni meta iqies illi tirrizulta il-kolpa meta jkun hemm in-nuqqas ta'l-osservanza tar-regoli tal-komportament, anki jekk l-event dannuz ma kienx wiehed prevedibbli u dan billi l-osservanza ta' dawn ir-regoli iwassal sabiex l-event dannuz ma isehhx:*

*"Si tratta di regole di condotta volte a prevenire determinati accadimenti; tali regole possono essere sociali (negligenza imprudenza o imperizia) oppure giuridiche (regolamenti, ordini*

[31] Il-Pulizija v Leonard Grech deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Settembru, 1990, (Din ir-referenza tinsab fin-nota enumerata tnejn u erbghin (42) fis-sentenza citata)

*discipline).*

*Quindi occorrono due requisiti:*

*a) la violazione di una regola;*

*b) che l'evento provocato sia esattamente quello che la norma voleva evitare.*

*In definitiva il giudizio di rimprovero è un rimprovero per leggerezza, perché il soggetto non è stato cauto e diligente come doveva."*

*Awturi ohra bhal Mantovani u il-Padovani jabbinaw din ir-regola ta'l- Antolisei mar-regoli tal-prevedibbilita u l-inevitabbilita' biex b'hekk il-culpa fil-fehma taghhom tinkwadra ruhha f'erba elementi:*

1. *un requisito oggettivo consistente nella violazione di una regola di condotta;*
2. *un requisito soggettivo, cioè la capacità di osservare tale regola;*
3. *l'evitabilità dell'evento mediante l'osservanza di tale regola;*
4. *la prevedibilità ed evitabilità, cioè che il soggetto avesse la capacità o la possibilità di tenere un comportamento diverso.*[32]

*Dak illi ghandu jigi stabbilit kwindi huwa jekk l-event kienx wiehed fortwit, jew jekk kienx hemm sitwazzjoni ta' emergenza subitanea, tant ghalhekk illi l-event dannuz ma seta' qatt jigi evitat anke jekk bl-ezercizzju gholi ta' diligenza u bl-osservanza tar-regoli kollha tal-imgieba xierqa fit-triq. Sitwazzjoni bhal din certament teskludi kull forma ta' negligenza, imprudenza, traskuragini jew non-osservanza tar-regoli ta' komportament mistennija, fit-termini ta' dak li ifassal l-Antolisei sabiex jistabilixxi l-kolpa.'*

[32] http://www.altalex.com/documents/altalexpedia/2016/02/17/colpa (Din ir-referenza tinsab fin-nota enumerata tlieta u erbghin (43) fis-sentenza citata)

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spettur Mario Bartolo) kontra Richard Grech'</u>**[33] gie kkunsidrat li:

*'Kif jispjega l-gurista taljan Francesco Antolisei, biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa wiehed irid izomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita' diretta ghal xi fini partikolari tista' taghti lok ghal konseg-wenzi dannuzi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika -- cioe' l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita' partikolari -- tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l- interessi ta' l-ohrajn jigu pregudikati.*

> *"Sorgono per tal modo," ikompli dan l-awtur, "delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi socjali, come, per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco e' tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita', pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita', piu' o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e' possibile, conseguenze nocive per i terzi....Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'inosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi' formulato, e' la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche' nel reato doloso il giudice rimprovera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasino puo' muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi (Antolisei, F., <u>Manuale di Diritto Penale, Parte Generale</u>, Giuffre' (Milano), 1989, pp. 322- 323).*

*Din il-Qorti taqbel perfettament ma din l- esposizjoni. In fatti, l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali taghna jirreferi ghar-regoli ta' kondotta derivati mill-esperjenza komuni jew teknika bil-kliem "nuqqas ta' hsieb", "traskuragni", u "nuqqas ta' hila fl-arti jew*

[33] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-21 ta' Marzu, 1996 (Appell Numru 126/95)

*professjoni", fil-waqt li dawk ir- regoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma indikati bil- kliem "nuqqas ta' tharis ta' regolamenti". Hu appena necessarju jinghad li b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti il-legislatur mhux qed jirreferi biss ghal legislazzjoni sussidjarja (li tigi fis- sehh permezz ta' avvizi legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordnijiet etc.) izda ghal kull forma ta' kondotta statutorjament stabbilita, u ghalhekk qed jirreferi ukoll ghal dawk ir-regolamenti promulgati minn enti privati (per ez., ir-regolamenti infassra minn sid ta' fabbrika biex jipprevjeni hsara ghal kull minn jahdem jew jidhol f'dik il-fabbrika). In fatti, kemm fil- Codice Zanardelli kif ukoll fil-Codice Rocco, l-espressjoni uzata hi "inorsservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline". Il-Qorti tikkonkludi fuq dan il-punt billi tissottolinea li anke fil-kaz ta' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-essenza tal-kolpa hi l-istess bhal fil-kaz ta' nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew imperizja. In-nuqqas ta' osservanza ta' regoli stabbiliti minn xi awtorita' ghat-tharis ta' terzi tammonta ghal negligenza jew imprudenza, il-ghaliex huwa certament imprudendi jew negligenti mhux biss min jitraskura li jiehu dawk il-prekawzjonijiet indikati mill-esperjenza ordinarja tal-hajja, izda wkoll min jitraskura li josserva dawk il-prekawzjonijiet <u>specifikatament</u> preskritti minn xi awtorita'.*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spettur James Grech) Vs Manwel Farrugia, bin Carmelo u Lorenza nee' Xerri, imwieled Lija fl-20/12/191, residenti 22, 6 ta' Awwissu, Triq Egido Lapira, Lija u detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 14242M'</u>**[34] fost kunsiderazzjonijiet ohra, gie kkunsidrat li:

*'Illi, kif jispjega Sir Anthony Mamo fin-noti tieghu, il-ligi ma taghtix definizzjoni tal-frazijiet "nuqqas ta'hsieb", "traskuragni" u "nuqqas ta' hila" izda "it is clear that by them the law means generally the absence of such care and precautions as it was the duty of the defendant to take in the circumstances."'*

Ikkunsidrat;

Illi l-Prosekuzzjoni kellha tiprova l-kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Ghalhekk ma huwiex bizzejjed biex wiehed jippresumi li la l-appellat

[34] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-22 ta' Mejju, 2013 (Numru: 339/2010)

kien ordnat li ma jitlax fuq slielem u ma jghumx fil-fond wahdu allura necessarjament lanqas seta' jsuq u ghalhekk lanqas ma wiehed jista' jippresumi li persuna ta' diligenza ordinarja ma kienx isuq anke jekk ma jinghatax struzzjonijiet jew ordni biex ma jsuqx. Ix-xhieda tal-konsulent Dr Norbert Vella hija krucjali stante li fl-ebda hin ma jghid li l-appellat kien prekluz milli jsuq, filfatt kif gia inghad meta mistoqsi jekk kienx ta' ordni lill-appellat biex ma jsuqx huwa wiegeb li ma jiftakarx. Il-Prosekuzzjoni kellha kull dritt u opportunita' li taghmel il-kontro-ezami ta' Dr Norbert Vella sabiex jikjarifika jekk il-fatt li ma kienx ta' ordni biex ma jsuqx kienx ifisser li l-appellat seta' jsuq jew jekk kinitx ovja li ma setghax, jew li la darba huwa kien ordna biex l-appellat ma jitlax fuq slielem u ma jghumx wahdu, kienx ifisser ukoll li ma setghax isuq kif ukoll jekk kienx prevedibbli li accessjoni ikollha durata ta' din il-portata. Gialadarba l-Prosekuzzjoni ghazlet li ma taghmilx kontro-ezami ta' Dr Norbert Vella, la darba li si tratta ta' kundizzjoni medika, wiehed ma jistax jippresumi li l-appellat kellu minn jeddu minghajr il-htiega ta' struzzjoni jew ordni jiddeciedi li ma jsuqx. Minkejja li din il-Qorti tqis is-sottomissjonijiet maghmulha mill-appellant Avukat Generali bhala relevanti u ghalhekk certament li mhumiex frivoli stante li la darba kien hemm certu frekwenza fl-accessjonijiet, wiehed ma setghax jeskludi li l-appellat ma kienx ser ikollu accessjoni waqt is-sewqan minkejja li dan qatt ma kien sehh qabel, tenut kont tax-xhieda ta' Dr Norbert Vella li ma jiftakarx li ta ordni lil appellat biex ma jsuqx, ma jistax jinghad li l-prevedibilita' li jsehh incident stradali giet ippruvata sodisfacentement u cioe' minghajr dubju dettat mir-raguni.

Ikkunsidrat;

L-appellant Avukat Generali jissottometti ukoll li ma kienx bizzejjed li l-appellat ghazel li jsuq meta kien jaf li jbati minn accessjonijiet izda aghar minn hekk, ikkonsma l-cannabis qabel ma sehh l-incident in kwistjoni. Fl-istqarrija rilaxxata mill-appellat fit-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015) l-appellat Mario Gatt kif kellu kull dritt li jaghmel ma xtaqtx jikkumenta dwar jekk instabitx bicca resin tal-Cannabis fil-vettura tieghu. Meta mistoqsi jekk gieli abbuza mid-

droga wiegeb '*Jiena gieli hadt nifs l- hemm u l'hawn izda dik- dorga li kien hemm fil-vettura mhux tieghi. Jiena l- ahhar li abbuzajt mid-droga u meta nghid droga iffisser li nkun hadt xi joint jigiefieri nkun hadt ftit Cannabis, f' dicembru 2014.*' Meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti, l-appellat kien qal ukoll li '*Jien kont nuza l-kannabis ovvjament assolutament mhux b'mod regolari. Just f'certu okkazjonijiet kont niltaqa' ma' certu klikka ta' hbieb u iva nammetti iva kont xi kultant inkompli maghhom.*' Mistoqsi '*Kont iddiskutejt din il-kwistjoni tal-uzu tal-kannabis mal-konsulenti tieghek?*' spjega '*Kont spjegajta, kont staqsejta lill Dr. Ludvic Zrinzo li kien gie Malta biex jopperani u assikurani li wahda ma tmurx assolutament kontra l-ohra.*' Staqsieh ghax ried inehhi kull dubju possibli kellu f'mohhu. Spjega li '*bdejt nipprova ingib f'mohhi l-affarijiet li ghamilt f'hajti li ma kinux normali li naghmilhom u din kienet wahd minnhom u kif ghedtlek assikurani li ma kelli l-ebda, wahda ma tmurx assolutament kontra l-ohra. Anzi qalli qed jipproponuha barra min Malta biex tikkontrolla l-epilepsy*'

In kontro-ezami l-appellat meta mistoqsi '*Jigifieri fiz-zmien tal-incident dawk iz-zminijiet meta kont hadt l-ahhar qed insaqik ghax niftakar li l-Espert tal-Qorti kien xehed hawn u kien qal li kellek high concentration ta' cannabis li jindika li apparentement jindika li kont heavy user during the night or morning of the accident, x'ghandek xi twiegeb ghal din?*' wiegeb '*Assolutament jien fil fatt bqajt imbellah jien ma nafx ezatt kif jikkaklulaw bhala doza jew le imma iva vera ma nafx jekk hux is-Sibt jew il-Gimgha iva kont pejjipt*' xehed li '*Qabel l-accident. Kieku ghedtli fin-New Year iva jew il-Christmas ghax kont pejjipx xi joints wahi joints shah skuzani*'. Spjega li '*imma qabel l-accident nassikurak komplejt just ftit nifsijiet ftit l'hemm u l'hawn ma nafx hux il-Gimgha jew is-Sibt ha nkun onest*'. Mix-xhieda tal-appellat din il-Qorti tifhem li l-appellat saqsa lit-tabib dwar l-uzu tal-Cannabis wara li sehh l-incident u dan fi kliem l-appellat '*biex nara jekk kienx il-kawza ppruvajt nelimina l-affarijiet li mhux normali naghmilhom kuljum u din kienet wahda minnhom.*' Qabel l-incident ma kienx staqsa jghid '*li kieku nahseb kont regular user kont insaqsih peress li nahseb forsi pejjipt darbtejn f'sena, tlieta f'certu okkazjonijiet ma hassejtx dik il-htiega.*'

Meta xehed Dr Mario Scerri fit-tmienja (8) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) huwa spjega li '*Wara li ta l-kunsens lill Qorti hadnilu l-kampjuni ghat-tossikologijja, ghandi r-rizultati ta' Dr. Michael Scotham li jindikaw li kien hemm uzu ricenti ta' Cannabis f'xi hin qabel ma ttiehed il-kampjun izda ghalkemm wiehed ma jistax jghid ezattament meta ittiehed il-cannabis huwa possibli li Mario Gatt kien affettwat mill-effetti tad-droga fil-hin tal-incident.*' Mr Michael Scottham xehed quddiem l-Ewwel Qorti fis-sittax (16) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn fost affarijiet ohra spjega li '*No alcohol was detected in his blood sample. Caboxy THC which is a body breakdown of THC concentration of 1.9 nanograms per millilitre but no elevenhydroxy THC was detected. Valprite was detected at concentration of 21 milligrams per litre but no other drugs was detected.*' Spjega li '*we detected caboxy THC which is also know as THC acid that shows that Mr. Gatt had used cannabis or cannabis resin at some stage prior to that blood sample being taken. Now to detect THC in a blood sample four hours after a crash show along with the magnitude the scale of the THC detected this is likely consistent with relatively recent use of cannabis and quite likely on the night of the question or of the morning of the crash so it's fairly recent and the fact that the THC acid is high, shows that Mr. Gatt ws a regular heavy user of cannabis around the time as well. Obviously taking cannabis and driving is not a good combination as it can have all sorts of effects on driving ability.*'

Mr Michael Scotham spjega ukoll li '*The valproeit it's to treat epilepsy but the concentration is fairly low which suggests that the drug is not being taken for a day or two prior to the sample taken or that Mr. Gatt as only prescribed a very low dose of valproeit. The absence of other drugs shows because the blood sample was taken only four hours afterwards, that he had not recently used any of those other drugs and he would not have been under their influence at the time of the crash.*'

Fir-rapport ta' Michael Scott-ham immarkat bhala Doc MSA1 a fol 149 et sequitur u senjatament a fol 151 hemm indikat li l-incident fatali sehh ghal habta tal-ghaxra ta' filghodu fit-tletttax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015), li l-*blood specimens* inkluz '*preserved samples*' ittiehdu madwar is-saghtejn ta' wara nofs inhar l-istess gurnata u cioe madwar erba' sieghat wara l-incident u li 'urine specimen' ittiehed fl-10:36am. Ghalhekk jirrizulta li mhux biss id-data hija skoretta stante li l-incident

sehh fit-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015) u mhux fit-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015) kif indikat fir-rapport izda anke li s-sample tal-awrina ma setghax ittiehet fl-10:36am stante li l-incident sehh aktar tard fit-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015). A fol 152 f'dan ir-rapport hemm indikat ukoll li '*In undertaking the work in this case, I was assisted by staff at Analytical Services International Ltd, St. George's, University of London and the Therapeutic Drug Monitoring Unit, National Centre for Epilepsy, Chalford Centre for Epilepsy and I have taken their contributions into account when I prepared this statement.*' Bl-ebda mod ma gie spjegat kif u come kienet l-assistenza tal-Analytical Services International Ltd u tat-Therapeutic Drug Monitoring Unit fir-relazzjoni ta' dan l-espert. B'zieda ma dan, din il-Qorti xorta tqis li ma giex sufficentement ippruvat in-ness bejn l-uzu tal-Cannabis u l-incident in kwistjoni. F'dan ir-rapport a fol 154 nizzel li '*The presence of THC in a blood sample taken 4 hours after the crash, along with the magnitude of the THC-acid detected, is consistent with relatively recent use of cannabis, quite likely on the night before, or the morning of , the crash. The high concentration of THC-acid is also consistent with heavy, regular use of the drug.*' Ghalkemm dan l-espert jghid li l-uzu tal-Cannabis waqt is-sewqan skont studju izid r-riskju ta' incidenti u cioe' kollizjonijiet kemm fatali u anke mhux fatali u li '*Many studies have shown that the use of cannabis can impair driving ability..*' jipprovdi ukoll li '*The extent of impairment depends on the dose, and also on the person's degree of habituation; more frequent users generally show less impairment than infrequent users at the same dose, either because of tolerance or because of learned compensatory driving behaviour. Sometimes they may attempt to over-compensate for impairment by driving slowly, or avoiding risky manoeuvres such as overtaking; cannabis use would not normally be expected to be associated with risk-taking activities. Maximum impairment is generally seen around about 30 to 45 minutes after smoking, with the effects dissipating over the next 2 or 3 hours or so. However some studies have found that some degree of impairment can persist for many hours after the more obvious effects of the drug have worn off.*' Tnizzel ukoll li '*It should be noted that the concentration of THC present in Mario GATT's bloodstream at the time of the crash would have been higher than that measured in the blood sample since the blood sample was not taken until around 4 hours afterwards. It is not possible to "back-calculate" this value in the way that it would be possible for alcohol.*'

Ghalkemm dan l-espert inghata minn Dr Mario Scerri kemm sample tad-demm u anke tal-awrina jirrizulta li kien hemm leak tas-sample tal-awrina u ghalhekk dan ma giex ezaminat.

Dan l-espert ikkonkluda li:

*'1. Mario GATT had used cannabis at some stage prior to sampling. Although it is not possible to say exactly when he had last used cannabis it is quite likely that it would have been on the night before, or on the morning of the crash. Therefore he may have been affected by the drug at the time of the crash.*
*2. Although valproate, a drug commonly used to treat epilepsy, was detected the concentration was at the low end of the therapeutic range, which might suggest that either he was taking a low dosage, or that he had not taken it for a day or two beforehand.*
*3. There was no evidence to suggest that Mario GATT had recently consumed alcohol or used any of the other drugs tested for and he would not have been under their influence at the time of the crash.'*

Ghalhekk mhux biss hemm numru ta' inezattezzi fir-rapport kemm ta' dati, hin u anke kif u come' dan l-espert gie assistit minn terzi persuni fir-redazzjoni tar-rapport, jirrizulta ukoll li l-konkluzzjonijiet tal-espert mhumiex konkluzivi kemm meta giet ikkonsmata il-Cannabis u anke meta l-appellat ha l-ahhar doza ta' medicina li titratta l-epilepsy. Fir-relazzjoni ta' Dr Mario Scerri fost konkluzjonijiet ohra gie konkluz li '*mir-rizultati tossikologici li saru fuq Mario Gatt kien hemm indikazzjoni t' uzu ricenti ta' cannabis f' xi hin qabel ma ttiehed il- kampjun izda ghalkhemm wiehed ma jistax jghid ezattament meta ittiehdet il-cannabis, huwa possibli illi Mario Gatt kien affetwat mill- effetti tad- droga fil- hin tal- incident. Kien hemm ukoll evidenza ta' sodium valproate li huwa anti-epileptic drug. Dan kien f' koncentrazzjoni baxxa tal- livell terapewtiku li jista' jindika illi Gatt kien qieghed jiehu koncentrazzjoni baxxa jew ma kienx qieghed jieh l- medicinali regolari. Din il-medicina ttiehed ghall- attakki tal- epilepsija;*' Din il-konkluzjoni wasal ghaliha abbazi tar-rapport tal-espert Michael Scott-ham skont dak li xehed Dr Mario Scerri in kontro-ezami fis-seduta tas-sebgha (7) ta' Marzu tas-

sena elfejn u tmintax (2018), fejn huwa kkonferma li s-sample ittiehed madwar fis-siegha u ghoxrin ta' wara nofsinhar tal-istess gurnata skont dak li jirrizulta minn fol 47 filfatt id-dikjarazzjoni li tinsab a fol 47 hija datata t-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015) fis-1:20pm u ghalhekk anqas minn saghtejn wara li sehh l-incident l-akkuzat kien accetta li jaghti samples tad-demm u tal-awrina tieghu.

Din il-Qorti ghalhekk taqbel mal-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata fejn qieset li:

'*Illi l-Qorti ma tara l-ebda ness bejn l-uzu ammess tal-cannabis tal- imputat u l-kundizzjoni medika msemmija hawn fuq li huwa kien isofri minnha. Ma jirrizultax li l-akkadut sehh minhabba li l- imputat kien jaghmel uzu mill-cannabis. Apparti minn dan, breathalyser test li sar fuq l-imputat meta ttiehed fl-Ghassa tal- Pulizija rrizulta fin-negattiv. Ma jirrizultax li l-imputat kien fis- sakra.*

*Illi l-Qorti tabbracja dak li nghad mid-difiza fis-sottomissjonijiet finali taghha fir-rigward tar-rapport redatt minn Mr. Michael Scott- Ham. Apparti l-fatt li l-hin indikat f'dan ir-rapport ta' meta sehh l- incident u ta' meta ttiehdu s-samples m'huwiex korrett, fir-rapport tieghu jirrizulta s-segwenti: "In undertaking the work in this case, I was assisted by staff at Analytical Services International Ltd., St. George's, University of London and the Therapeutic Drug Monitoring Unit, National Centre for Epilepsy, Chalford Centre for Epilepsy and I have taken their contributions into account when I prepared this statement" (a fol. 152).*

*Illi, tenut kont ta' dan kollu, b'mod specjali l-fatt li hawnhekk ninsabu fil-kamp penali u tenut kont tal-fatt li, kif inghad aktar kmieni, apparti l-element materjali jrid jigi sodisfatt ukoll l-element formali, ma tirrizulta l-ebda negligenza da parte tal-imputat. Filwaqt li jirrizulta ppruvat li l-incident stradali effettivament sehh pero' mehud in konsiderazzjoni l-fatt li fil-mument tal-akkadut l- imputat kien qieghed taht il-kondizzjoni tal-black out li tikkreja l- epilepsija, b'hekk l-element formali tar-reat huwa nieqes.*'

L-incident sehh fit-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015) u cioe' fil-gurnata tat-Tnejn. L-appellat in kontro-ezami jghid li kien ha xi nifsijiet tal-Cannabis il-Gimgha jew is-Sibt u ghalhekk madwar jumejn qabel. Din il-Qorti ma tqis illi gie

ippruvat minghajr dubju dettat mir-raguni li l-incident sehh konsegwenza tal-uzu tal-cannabis jew li dan l-uzu wasal sabiex il-kundizzjoni medika tal-appellat tiddegenera. Fil-kamp penali suppozizzjonijiet ma humiex ammissibli u ghalhekk din il-Qorti meta tqis l-asjem tal-provi ma hijiex fis-sitwazzjoni li ghandha tiddisturba d-decizjoni tal-Ewwel Qorti li kellha quddiemha il-possibilita' kif ghamlet li tisma' mhux biss lill-appellat izda anke lil konsulent Dr Norbert Vella. Ghalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta f'li ma ssibx htija tal-ewwel (1), it-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjonijiet. Stante li l-appellant Avukat Generali ma appellax mill-liberatorja tat-tieni (2) u l-hames (5) imputazzjoni, din il-Qorti mhijiex sejra tqis dawn l-imputazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur